## 50 Sena ilu

# Ftuħ ta' terminal għall-avjazzjoni ċivili f'Ħal Luqa

*Richard J. Caruana*

It-traffiku ta' ajruplani kummerċjali fl-ajruport ta' Ħal Luqa qabad ritmu ta' żieda qawwija minn sena għall-oħra, sakemm il-pjan għal terminal ġdid li nbeda fl-1946 kien beda jsir urġenti hekk kif bdew is-snin ħamsin. Kien jidher ċar li ż-żona taħt it-torri tal-kontroll, f'idejn ir-RAF, ma setax tlaħħaq aktar mad-domanda.

Kien fis-16 ta' April 1947 li ntemm ix-xogħol fuq *terminal* ċivili, li fil-fatt kien parti mill-kumpless tat-torri tal-kontrol fuq in-naħa ta' Park Nru 1.[1] Dan ma kienx għajr sala mdaqqsa li kont tidħol għaliha mill-bieb prinċipali ta' l-istazzjon ta' l-RAF, fin-niżla lejn Ħal Qormi, jiġifieri kif jibda Ħal Farruġ, fejn illum hemm żona ndustrijali. Niftakar dan il-post sew għax għaddejt siegħat sħaħ hemmekk meta ommi u ħuta kienu jitilgħu biex jaraw liz-ziju Victor, li kien jieqaf għal ftit ħin hawn Malta kull meta kien jivjaġġa fuq xogħol ta' l-Armata Ngliża li tagħha kien (dak iż-żmien) kurunell fid-*Dental Corps*.

Minbarra l-BOAC, li kienu ħadu sehem fl-ippjanar għat-tkattir tat-tijiriet kummerċjali lejn u minn Malta, kienu ħafna dawk il-kumpaniji ta' l-ajru li sabu l-ajruport ta' Ħal Luqa ideali bħala post ta' waqfa fuq titjiriet twal lejn l-Afrika u l-Lvant. F'Diċembru ta' l-1947, il-British European Airways (BEA) inawgurat servizz ta' kull ġimgħa minn Northolt (fl-Ingilterra) għal Malta, b'waqfa f'Marsilja (Franza) fuq Vickers Viking, titjira li kienet tieħu kważi seba' siegħat u nofs. Fit-12 ta' Lulju 1948 kienet l-Alitalia li bdiet topera minn Malta, bl-użu ta' Fiat G.12, lejn Katanja u Ruma.[2]

Xogħol fuq pjanti għal *terminal* ġdid beda fl-1956, u l-proġett, li kien stmat li ser iqum £300,000, ġie ffinanzjat mill-Gvern Ingliż. L-art għal dan il-bini kienet fuq it-triq li mir-raħal ta' Ħal Luqa tagħti lejn Ħal Kirkop, żona totalment maqtugħa minn dik militari.

Id-disinn kien fdat f'idejn id-ditta lokali tal-periti Messers Mortimer & Degiorgio, bl-għajnuna ta' Messers Norman and Dawbarn ta' Londra, u l-kollaborazzjoni tar-RAF.



*Vista mill-ajru tat-Terminal ta' Ħal Luqa fis-sittinijiet. Fuq ix-xellug ta' l-apron wieħed jista' jara is-Super Constellation li kien inqabad iġġorr armi u nżamm għal żmien twil f'dak il-lok sakemm ġie kkonvertit f'restaurant wara li ttieħed fix-xifer ta' Ħal Safi*



*It-Terminal li nfetaħ fl-1958 kif kien jidher ftit żmien wara l-ftuħ uffiċjali tiegħu. L-ajruplan li minn taħtu ittieħed ir-ritratt huwa Shackleton tar-Royal Air Force. (Kollezzjoni R.J. Caruana)*

Kien hemm żmien meta x-xogħol waqa' lura, probabbilment minħabba l-kriżi tal-Kanal tas-Suez fl-1956, imma wara li għaddew ftit xhur minn dan l-inċident, reġa' kollox lura għan-normal.[3]

Il-bini l-ġdid infetaħ uffiċjalment mill-Gvernatur Sir Robert Laycock fil-31 ta' Marzu, 1958, u ġie mbierek mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi. Fid-diskors tiegħu, Laycock semma kif it-traffiku ta' passiġġieri kien kiber b'25 fil-mija matul l-1957, u dak tal-merkanzija bi 32 fil-mija. Ix-xogħol strutturali sar kollu minn kuntratturi Maltin taħt is-superviżjoni tar-RAF. Manager ta' l-ajruport f'dak iż-żmien kien J. Curmi waqt li d-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili kien George Smith.[4]

Mibni fuq stil modern, it-terminal kellu żewġ sulari u kien jinkludi faċilitajiet ta' ristorant, uffiċċju tal-posta, uffiċċju tal-Cable & Wireless, uffiċċji tal-linji ta' l-ajru, numru ta' ħwienet u anki gallarija għal fuq Park Nru 8 minn fejn il-pubbliku seta' jara l-wasla u t-tluq tal-passiġġieri.

M'hemmx dubbju li dawk il-qarrejja ta' ċerta età l-aktar li jiftakru minn dan il-post huwa r-*restaurant* li kien hemm fl-ewwel sular. Dan għaliex għal ħafna snin serva ta' post fejn wieħed imur iqatta' ftit ħin mal-ħbieb jew mal-familja, jieħu xi ħaga tajba u fl-istess ħin igawdi mill-ispettaklu li kien ikun għaddej fuq l-*apron* – ajruplan dieħel u ieħor ħiereġ, passiġġieri niżlin jew tilgħin l-ajruplani biex jibdew il-vjaġġ tagħhom, tixjir ta' mkatar mill-gallerija minn dawk li jkunu ġew jilqgħu qraba tagħhom li ġew lura, mkatar oħra jixxuttaw il-dmugħ ta' dawk li nieshom ser jitilqu... forsi għal dejjem.

Sfortunatament, din il-famuża gallarija kellha tingħalaq fl-1985 meta waħda mill-kumpanija li kienet tuża' l-ajruport appellat lill-Gvern biex jew tagħlaq l-aċċess jew iddawwar il-gallarija bil-ħġieġ għax miftuħa kif kienet setgħet tkun ta' theddida lejn is-sikurtà; il-Gvern għażel it-tieni opzjoni.

F'dak żimien ukoll, kien tkabbar billi żdiedet fergħa fuq il-lemin ta' l-*apron*, esklużivament għal wasla tal-passiġġieri, waqt li l-parti l-qadima baqgħet tintuża biss għat-tluq, u sewa' Lm70,000. F'Settembru 1989 tqiegħdet l-ewwel ġebla għall-bini ta' terminal ġdid. Dan infetaħ uffiċjalment fi Frar tas-sena ta' wara u beda jilqa l-passiġġieri fil-25 ta' Marzu 1992. B'hekk il-ħajja tat-*terminal* ċivili ta' Ħal Luqa waslet fit-tmiem tagħha; l-ajruport il-ġdid kien issa ngħata l-isem ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

1 Richard J. Caruana, "Ħal Luqa u l-Mitjar", *Ħal Luqa Fil-Gwerra, Fil-Paċi*, Kunsill Lokali Luqa, 1995

2 Carmel Attard, "Highlights of Maltese Aviation History", *Airlines in Malta*, Malta Aviation Museum Foundation, David Spiteri Staines Editur, Malta, 2000

3 Richard J. Caruana, *History of Aviation in Malta*, sensiela ta' taħdidiet fuq ir-radju ta' Voice of the Mediterranean, 1999, mhux ippublikata

4 Carmel Attard, "Then", *Opening of the New Terminal* Commemorative Programme, Malta International Airport, 1992

Rembla Garage

**AUTO MECHANIC**

Service of various car models.
Specialising in FIAT, Alfa Romeo, Hyundai

*Triq il-Kummerċ, Qormi*

**Tel: 2147 2638 • 9949 8088**

Second hand / new parts
for Alfa, FIAT
and Hyundai



*Dehra sabiħa ta' l-apron, Park Nru. 8, fejn il-passiġġieri kienu jitilgħu jew jinżlu minn fuq l-ajruplani. F'dan il-każ jidhru Viscounts u Vanguards tal-British European Airways. Fuq il-lemin tidher il-gallarija għall-pubbliku li kien ikun hemm jilqa' jew jara ħbieb u qraba sejrin minn Malta. (Kollezzjoni R.J. Caruana)*

